**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Rikors Nru: 33/16MV**

**Michael Attard Limited (C 32362)**

***National Road Blata il-Bajda.***

**Vs**

**Direttur Generali tal-Qrati**

**Direttur u Registratur Qrati Civili u Tribunali**

**Direttur u Registratur Qrati Kriminali u Tribunali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Avukat Generali**

**Illum 30 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Michael Attard Limited (C 32362) ipprezentat fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar is-16 ta' Frar 2016 fejn is-socjeta' rikorrenti ippremettiet u talbet is-segwenti:

Thallsu, jew min minnkom, id-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti li ghandhom jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi (li ma jeccedux is-somma ta' €11,646), liema danni gew sofferti bhala konsegwenza tal-agir tal-intimati, jew min minnhom, konsistenti fit-tehid forzt tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni HBD096 li kien inbidlilha u sar HQZ 304, liema agir gie dikjarat bhala li sar bi vjolazzjoni tal-Ligi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Generali;[1]

B'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri, ancillary, sussegwenti u alternattivi ghad-disposizzjonijiet tal-kumpannija rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

l-azzjoni odjerna hija imsejsa fuq is-segwenti kawzali:

illi fil-21 ta' Awwissu 2006 il-kumpanija rikorrenti kienet ghamlet ftehim ma' Emmanuel Ciantar (ID 50764M) f'ismhu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Maxkim Limited li permezz tieghu giet mibjugha lill-imsemmi Emmanuel Ciantar pro et noe vettura tat-tip Peugeot Partner li nghata n-numru ta' registrazzjoni HBD-096. Illi dan il-bejgh sar bil-pactum riservandi dominii (komunament imsejjah hire purchase agreement) u cioe bejgh li permezz tieghu l-venditur jibqa s-sid tal-oggett mibjugh sakemm jithallas il-prezz intier, Fil-fatt jirrizulta bilanc tal-prezz fis-somma ta' €7919.87 (LM3400)

[1] A folio 1 sa 4 tal-process. L-avviz u r-rikors gew notifikat lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fil- 15 ta' Marzu 2016, lid- Direttur Generali Qrati, Registratur Qrati Civili u Registratur Qrati Kriminali fl- 14 ta' Marzu 2016 u lill-Avukat Genrali fis- 16 ta' Marzu 2016- A folio 8 u 9 tal-process.

kellhu jithallas permezz ta' 60 pagament mensili, liema bilanc baqa ma thallasx u konsegwentament il-kumpannija rikorrenti baqghet is-sid tal-imsemmija vettura;

illi dina l-vettura tat-tip Perugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 giet irregistrata f'isem Emanuel Ciantar pro et noe, izda t-trasferiment u l-esportazzjoni tal-istess vettura gew projbiti u dan in vista tal-kuntratt pactum riservandi domini 9komunament imsejjah hire purchase agreement) fuq imsemmi.

Illi fit-28 ta' April 2010 il-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 kienet involute f'incident awtomobilistiku fi Triq Hal Warda, Attard waqt li kienet qed tigi misjuqa minn Maximilian Ciantar, iben l-imsemmi Emanuel Ciantar, u fir-rigward ta' liema incident ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imsemmi Maximilian Ciantar;

Illi fil-kors tal-investigazzjoni relattiva l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' Registrazzjoni HBD 096 giet mizmuma sabiex isir l-istharrig u l-ezamijiet necessarji ghall-imsemmija invetigazzjoni;

Illi permezz ta' rikors intavolat minn Emanuel Ciantar fl-atti tal-kawza il-pulizija (Spettur Elton Taljana) vs Maximilian Ciantar fl-14 ta' Settembru 2010 ( fol 372 tal-process) l-istess Emanuel Ciantar talab lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati joghgobha tirrilaxxa l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 u dana ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Illi permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati data 17 ta' Settembru 2010 (fol 375 tal-process) it-talba ta' Emanuel Ciantar ghar-rilaxx tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru

tar-registrazzjoni HBD-096 giet milqugha u dana minghajr kundizzjonijiet jew riservi impost fuq l-imsemmi Emanuel Ciantar u wra li l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali talba;

Illi fis-16 ta' Mejju 2011 gew konkluzi negozjati bejn il-kumpannija rikorrenti u Emanuel Ciantart pro et noe fir-rigward tal-bilanc li kien ghadu dovut in konnessjoni mal-akkwist tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096. Il-Kumpannija rikorrenti accettat illi l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni HBD-096 tigi ritornata lilha ghall-valur stabbilit I liema valur kellhu jitpacja kontra l-bilanc li kien ghadu dovut minn Emanuel Ciantar pro et noe. Fil-fatt l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 giet trasferita ghal fuq isem il-kumpanija rikorrenti fis-16 ta' Mejju 2011;

Illi l-kumpanija rikorrenti inkorriet diversi spejjes sabiex il-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 li kien inbidlilha u sar HQZ-304 tigi rparata wara li ittiehdet lura minghand Emanuel Ciantar pro et noe kif fuq espost;

Illi fid-9 ta' Gunju 2011 il-kumpannija rikorrenti bieghet il-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 lil certu David Pace (ID132886M) bil-pactum riservandi (komunament imsejjah hire purchase agreement) u cioe bejgh li permezztieghu l-venditur jibqa s-sid tal-oggett mibjugh sakemm jithallas il-prezz intier;

Illi fis-27 ta' Lulju 2011 inghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Elton

Taliana) vs Maximilian Ciantar li permezz taghha gie ordnat il-konfiska tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni HBD-096;

Illi permezz ta’ sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-appell Kriminali tal-24 ta’ Ottubru 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Maximilian Ciantar fost decizijonijiet ohra, l-Onorabbli Qorti ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li permezz taghha ordnat il-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 u dana billi dik l-Onorabbli Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, iddikjarat illi “il-konfiska hija rizultat ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 3(2)©(i) tal-Kap 104. Sakemm iregi l-argument li l-persuna (u mhux biss l-vettura) trid tkun inxurjata m’hemmx wisq xi tghid dwar il-konfiska tal-karozza hlief li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat il-Ligi” u ghalhekk ikkonfermata l-ordni tal-konfiska tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HBD-096;

Illi fis-7 ta’ Dicembru 2011 l-istess David Pace talab li l-vettura tat-tip Peugeot Partnet bin-numru ta’ registrazzjoni HBD-096 jinbidlilha n-numru ta’ registrazzjoni u fil-fatt hekk sar u n-numru ta’ registrazzjoni sar HQZ-304 u dana bil-ghan li l-istess vettura tkun tista tintuza ghall-finijiet ta’ “leasing”;

Illi fil-fatt dina l-vettura kienet tinsab fuq kuntratt ta’ “leasing” u giet hekk imwaqqfa meta l-kumpanija rikorrenti u dana David Pace gew ghal konoxxenza tal-fatti hawn esposti;

Illi sussegwentament l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HBD-096 li kien inbidlilha n-numru u sar HQZ-

304, kienet giet konfiskata fizikament mill-intimati u r-registrazzjoni tal-istess vettura giet maghmula f'isem il-Gvern ta' Malta;

Illi l-kumpanija Michael Attard Limited kellha tirrimpjazza l-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 li kien inbidlilha u sar HQZ-304 u dana billi lill-imsemmi David Pace kellha tfornih b'vettura tat-tip Peugeot Partner iehor;

Illi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Generali gie deciz illi t-tehid forzat tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 sar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi ghalhekk l-agir tal-intimati Direttur Generali tal-Qrati, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, jew min minnhom, gie dikjarat bhala bi vjolazzjoni tal-Ligi permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Generali;

Illi b'rizultat ta' dana l-agir l-kumpanija rikorrenti sofriet danni konsiderevoli u li ghalihom huma unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom.

Illi ghalkemm l-intimati Direttur Generali tal-Qrati, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali gew interpellati permezz ta' protest gudizzjarju numru 91/2015, l-istess intimate baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Rat ir-risposta tal-intimati Direttur Generali, Diretturi Qrati Civili u Kriminali u Tribunali a folio10 sa 12 tal-process fejn eccepew:

Bil-qima jeccepixxu:

1. Illi in linea preliminary l-eccipjenti m'humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberate mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu l-azzjoni attrici hija wahd ghar-rizarciment ta' danni l-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Illi fit-tielet lok u wkoll bla pregudizzju, f'dan il-kaz il-lanjanza avvanzata mir-rikorrenti ma jwiegbux ghaliha l-eccipjenti u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deiza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

   " hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` tht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat xtal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontraddittur"

Issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijeit Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenuto:

"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista` jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju- anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi- u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."

Issa fil-kaz in dizamina jidher car li l-lanjanza tas-socjeta attrici hija diretta lejn id-decizjonital-Qorti tal-Magistrati u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali li fil-kawza: Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura Peugeot Partner numru tar-registrazzjoni HBD-096 li kien inbidlilha u sar HQZ-304. Illi kif inhu risaput l-eccipjenti bl-ebda mod ma jwiegbu ghall-agir tal-Qorti, ghalhekk huwa car li t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Jinghad ukoll li l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq dawn il-proceduri partikolari u l-ezitu tal-istess u s-sitwazzjoni li tinsab fiha s-socjeta rikorrenti zgur li mhux tort tal-esponenti. Di fatti l-esponenti lanqas biss kienu parti la fil-proceduri sudetti kif ukoll lanqas fil-proceduri kostituzzjonali citati mis-socjeta

rikorrenti stess ossia l-kawza deciza fil-11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Generali.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju s-socjeta rikorrenti m'ghandha assolutament ebda ness guridiku fil-konfront tal-eccipjenti u kwindi t-talba attrici kif diretta kontra l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
5. Illi fil-mertu t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu:
   (i) L-eccipjenti bl-ebda mod ma jistghu jigu tenuti responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mis-socjeta attrici. in fatti bil-qima jinghad illi l-eccipjenti ma kkawzaw ebda danni l-is-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Fi kwalunkwe kaz, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-attrici mhux biss hija tenuta tipprova materjalment li hija soffriet danni, izda trid tiiprova wkoll in-ness (nexus) bejn id-danni minnha allegatament soffert u xi azzjoni jew nuqqas minn naha tal-eccipjenti, li certament mhux il-kaz.
   (ii) Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Generali iddikjarat li saret vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-konvenzjoni Ewropeja ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem unikament fil-konfront ta' Emanuel Ciantar pro et noe u fl-ebda moment ma ddikjarat tali lezjoni fil-konfront tas-socjeta attrici odjerna.
   (iii) Fi kwalunkwe kaz l-istess sentenza fl-ebda hin ma sabet li l-ksur lamentat kien b'xi mod attribwibbli ghal xi agir

jew nuqqas tal-ecipjenti. In fatti l-eccipjenti lanqas biss kienu parti f'tali procedure imma kien biss l-Avukat Generali [li kien konvenut.

6. Illi ghalhekk huwa car li t-talbiet tas-socjeta attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.
7. Salv jekk ikun il-kaz risposti, ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

Rat ir-rispost tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali a folio 17 sa 19 tal-process fejn eccepew:

(i) Illi in linea preliminary, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

(ii) Illi in linea preliminary ukoll u minghajr pregudizzju, l-esponenti jirrilevaw li ma jidhirx li l-kumpannija attrici kienet ghamlet talba ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 fil-proceduri kriminali li kienu gew istitwitifil-konfront ta' Maximilian Ciantar (Ref 351/2011) quddiem il-Qrati Kriminali kompetenti; liema procedure gew res judicata bid-decizjoni tal-Qorti tal-appell Kriminali datata 24 ta' Ottubru, 2011;

(iii) Illi in linea preliminary ukoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija wahda ghall-hlas tal-allegati danni sofferti mill-

kumpannija attrici, jidher li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

(iv) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-kumpannija attrici fil-konfront tl-esponenti intimate huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda in kwantu insostenibbli ghar-ragunijiet segwenti, li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghas-suespost;

(i) Illi l-esponenti intimate jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors odjern fil-konfront taghhom bhala insostenibbli stante li l-Kummissarju tal-Pulizija tramite l-Ufficjali tal-Pulizija koncernati svolgew l-investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni tal-proceduri kriminali fil-konfront ta' Maximilian Ciantar skont il-Ligi u dejjem agixxew fil-parametri tal-ligi;

(ii) Illi l-esponenti intimate jirribattu li mhumiex responsabbli ghal xi danni kif allegatament sofferti mill-kumpannija attrici u fi kwalunkwe kaz, il-kumpannija attrici trid tipprova in-ness bejn id-danni li allegatament sofriet u xi agir tal-intimati li mhux skont il-Ligi;

(iii) Illi l-esponenti jirribattu li l-imsemmija decizjoni tal-Qorti kostituzzjonali li saret referenza ghaliha mill-Kumpannija attrici, fl-ismijeit Emanuel Ciantar f'ismu proprju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754) deciza fil-11 ta' Awwissu 2014, sabet

lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol unikament fil-konfront ta' Emanuel Ciantar f'ismu proprju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754) u mhux fil-konfront tal-kumpannija attrici;

(iv) Illi fir-rigward tat-talba tal-kumpannija attrici kif dedotta fir-Rikors odjern, u cioe li l-esponenti ghandhom jigu ikkundannati ihallsu lill-kumpannija attrici l-allegati danni sofferti mill-istess kumpannija kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi; liema allegati danni m'ghandhomx jeccedu s-somma ta' (€11,646) hdax -il elf Ewro, sitt mija u sitta u erbghin Ewro, l-esponenti jissottomettu li l-kumpanija attrici ghandha r-rimedju skont il-ligi li titlob l-allegati danni minghand Maximilian Ciantar li kien unikament responsabbli ghall-incident serju li ikkawza fit-28 ta' April, 2010 u dan kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Qorti tal-appelli Kriminali datata 24 ta' Ottubru, 2011 (Ref 351/2011);

(v) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti , fi kwalunkwe kaz, fic-cirkostanzi odjerni t-talba kif dedotta fil-kawza odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas da parte tal-esponenti li ghaldaqstant m'ghandhomx jigu soggetti sabioex ihallsu xi allegati danni u/jew li jhallsu l-ispejjez gudizzjarji tal-istanti peress li mhux minnu li l-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Avukat Generali kienu responsabbli ghall-allegat tehid forzat tal-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD 096 li sussegwentament inbidel

ghal HQZ 304, kif qed tallega l-kumpannija attrici; anke tenut kont tal-fatt li ma jidhirx li fil-proceduri kriminali fil-konfront ta' Maximilian Ciantar saret xi talba da parte tal-kumpannija attrici ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9;

(vi) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba kif dedotta fir-Rikors in risposta; bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici.

Rat id-dokumenti kollha prezentati inkluz l-iter processwali tal-kawza Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Maximilian Ciantar.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa kaz li jinvolvi u jittratta dwar vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBD 096 li fit-28 ta' April 2010 kienet qed tigi misjuqa minn certa Maximilian Ciantar meta dan kien involut f' incident stradali fejn sahansitra weggghu serjament xi persuni. Din il-vettura li kienet tal-ghamlu Peugeot Partner kienet registrata ma' Transport Malta fuq is-socjeta Maxkim Ltd., li hija kumpanija ta' missier Maxilimilian Ciantar, ossija Emanuel Ciantar.

Jidher li l-kumpanija rikorrenti fil- 21 ta' Awwissu 2006 kienet ghamlet ftehim ma' Emanuel Ciantar f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Maxkim Limited sabiex tinxtara din il-vettura. Dan il-bejgh sar b'*hire purchase agreement*.

Waqt il-proceduri kriminali **Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Maximilian Ciantar** sar rikors minn Emanuel Ciantar u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-allura Onorevoli Magistrat, illum Onoroveli Imhallef, Dottor Doreen Clarke fis-17 ta' Settembru 2010 laqghet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura wara li ma kienx hemm opposizzjoni mill-prosekuzzjoni.[2] Din l-istess Qorti b'sentenza tas-27 ta' Lulju 2011 sabet lill Maximilian Ciantar hati u konsegwentement ikkonfiskat il-vettura favur il-Gvern ta' Malta.[3]

[2] A folio 406, 407 u 408 tal-process (Vol. III).
[3] A folio 775 sa 794 tal-process.

Is-Sur Maximilian Ciantar appella mis-sentenza, pero' il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Lawrence Quintano fl-24 ta' Ottubru 2011 bazikament ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati inkluz il-konfiska tal-vettura favur il-Gvern ta' Malta.[4]

Is-socjeta' rikorrenti ghamlet rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ghar-ragunijiet hemm infraskritti tablet ir-rilaxx tal-imsemmija vettura li fid-9 ta' Gunju 2011 li sadanittant kienet ghaddiet minn ghandha ghal ghand certu David Pace tramite hire purchase agreement.[5] Ghal dan ir-rikors l-Avukat Generali oppona[6]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill- Onorevoli Imhallef Lawrence Quintano cahdet it-talba fit-2 ta' Mejju 2012.

Illi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Genrali** gie deciz illi t-tehid forzat tal-vettura *de quo* sar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. In vista ta' din id-decizjoni Emanuel Ciantar rega' ghamel rikors quddiem Il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab ir-rilaxx tal-imsemmija vettura.[7] Din id-darba l-Avukat Generali ma' opponitx.[8] Il-Qorti

---

[4] Fol, 852 sa 853 tal-process.
[5] A folio 865 tal-process. Il-vettura issa kellha numru ta' rgistrazzjoni HQZ04.
[6] A folio 879 tal-process.
[7] A folio 905 tal-process.
[8] A folio 907 tal-process.

tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Michael Mallia ordnat ir-rilaxx tal-vettura bil-kondizzjoni imsemmija.[9]

Is-socjeta' rikorrenti fis- 16 ta' Frar 2016 fethet dawn il-proceduri odjerni fejn hija qed titlob rizarciment ghad-danni allegatament maghmula mill-intimati in vista tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Cinatar pro et noe vs Avukat Generali[10]. Dan ghaliex il-vettura qatt ma giet rilaxxata minnhom.

**Provi.**

Xehed **David Pace** waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2016 fejn ikkonferma li huwa xtara l-vettura HBD096 minnghand is-socjeta' rikorrenti u li n-negozju tieghu huwa ta' kiri tal-karrozzi bl-isem Davico Ltd.[11] Jghid li huwa ghamlilha diversi tiswijiet qabel ma biddlilha in-numru tar-registrazzjoni ghal HQZ 304. Ikompli jispjega li l-vettura inqalbet minn fuq Emanuel Ciantar ghal fuq Michael Attard Ltd. imbaghad ghal fuqu u wara ghal fuq Davico Ltd. Jishaq li din il-vettura krieha lill-Enemalta Ghawdex. Jiftakar li xi darba kien cempillu l-ispettur Taliana fejn talbu xi informazzjoni. Ix-xhud jghid:

*'Infurmani biex jara l-vettura. Ghidtlu li qeghda Ghawdex, ordnali biex ingibielu dak il-hin. Avzajtu li nista' speci two day time biex nirriplasjalhom il-vettura. Is-Sur Taliana rega' infurmani imbaghad*

[9] A folio 907 tal-process.
[10] A folio 1 u 4 tal-process.
[11] A folio 912 tal-process.

*heddidni li jekk ma intellaghlux il-vann fi zmien gurnata l-ghada jaghmel show bija go Ghawdex. Jigifieri iwaqqaf il-vettura u jissekwestrahielhom dak il-hin.'*[12]

Jispjega kif xi sieghat wara nizzilha minn Ghawdex u fuq ordni tal-iSpettur Taliana hallieha hdejn l-ghassa ta' B' Kara. Jghid li l-vettura ma rahiex aktar u ghadu minghajrha u Michael Attard Ltd. ipprovdewlu vettura ohra aktar moderna sakemm il-vettura tigi rilaxxata. Jghid li t-tieni van li taghtu s-socjeta' rikorrenti ma kellha bzonn l-ebda tiswija. Jghid li l-ewwel van kien fi stat ikrah meta hadu filwaqt li r-replacement kien showroom condition.[13]

Xehed l-i**Spettur Elton Taliana** nhar id-29 ta' Novembru 2017 u qal li huwa kien l-investigatur fl-incident ta' Maximilian Ciantar li kien qed isuq il-vettura de quo[14]. Jghid li Ciantar kien tajjar zewgt itfal. Jghid li l-vettura involuta kellha n-numru ta' registrazzjoni HBD 096. Jikkonferma li l-vettura kienet tghajjat lil Maxkim Ltd. u li din tappartjeni lil missier Maximilian Ciantar, ossija Emanuel Ciantar. Jispjega li fil-kors tal-investigazzjoni eleva din il-vettura mill-Marsa u l-esperti mahtura mill-Magistrat inkwirenti hadmu fuqha. Jghid li l-vettura giet ezebita l-Qorti.[15] Jispjega li fil-mori tal-proceduri kriminali Emanuel Ciantar ghamel rikors biex johodha ghax kellu bzonnha ghax-xoghol. Fil-fatt il-Qorti irrilaxxatha fis-17 ta' Settembru 2010.[16] Isostni li l-

[12] A folio 913 tal-process.
[13] A folio 914 tal-process.
[14] A folio 921 tal-process.
[15] A folio 923 tal-process.
[16] A folio 925 tal-process.

vettura meta giet rilaxxatha u hadha Emanuel Ciantar. Jaqbel li fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kien hemm il-konfiska tal-vettura. Din is-sentenza giet ikkonfermata fl-appell ghal dak li jirrigwarda il-konfiska tal-vettura. Jispjega li kien hemm is-Sur Joe Sacco li sab diffikulta' biex jigbor il-vettura u dar fuq il-pulizija. Gie fuqu peress li kien l-ispettur tal-kaz u talbu jassistih. Huwa kellem lil Emanuel Ciantar li qallu li l-vettura ma kinitx ghandu u li huwa kien taha lura lis-socjeta' rikorrenti. Meta irrilaxxa l-vettura hu mexa skond id-digriet tal-Qorti. Jinsisti li huwa mexa mad-digriet tal-Qorti. Jiftakar li meta ikkuntatja lil Michael Attard Ltd. dawn kienu ittrasferewha lil certu David Pace. Dan gie ikkuntatjat u qallu li krieha Ghawdex lill-Enemalta. Jichad li qal xi diskors lil David Pace li ser jaghmel xi show pero' kien tkellem mal-avukat u l-vettura kienet ser tinzamm ghand Michael Attard Ltd.[17] *Jichad li din inzammet l-ghassa jew quddiem l-ghassa ta' B'Kara imma kienet marret direttament ghand Michael Attard Ltd.* Hu qatt ma raha aktar. Fil-fatt hu jaf li kien hemm komunikazjoni bejn il-Qorti u Michael Attard Ltd. u kien hemm transfer ghal fuq il-Qorti. Ma jafx fuq affarijiet civili u ma kienx involut lanqas.

Kontro-ezamaminat jaqbel li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ir-rwol tieghu kien li jara li l-konfiska effettivament timmaterjalizza. Jaqbel li s-Sur Sacco huwa ir-Registratur tal-Qorti Kriminali ta' dak iz-zmien. Jishaq li is-Sur Sacco fuq din il-vettura kien ikkomunika mal-Assistant Kummissarju Raymond

[17] A folio 933 tal-process.

Zammit. Hu ipprezenta email bil-komunikazzjoni li din il-vettura qieghda ghand Michael Attard Ltd. [18]

Xehed **Raymond Sicluna** nhar l-14 ta' Far 2018 fejn qal li l-vettura inqalbet ghan-numru ta' registrazzjoni HQZ 304 u qabel kienet HBD 096 u hija irregistrata fuq id-Direttur Generali tal-Qorti. Jikkonferma li giet fil-pussess taghhom ghax kien hemm ordni ta' konfiska u jidher "*li giet fl-24 ta' Ottubru 2011 fil-pussess tal-Qrati*."[19] Dan il-van ghadu fil-pussess tal-Qrati. Jikkonferma li kien hemm sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta'Awwissu 2014 fejn ordnat ir-rilaxx tal-vettura. Jikkonferma li l-van ghadu fil-pussess taghhom u li minn naha taghhom ma ghamlu xejn wara din is-sentenza.

Jghid li il-van qieghed registrrat f'isem il-Qrati tal-Gustizzja u illum ghandu in-number plate HBM 426.[20] Jaqbel li l-vettura HBD 096 u HBM 426 huma l-istess vetturi.

Xehed **Stephen Cachia** nhar 12 ta' Gunju 2018 in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn spjega l-itinerarju ta' registrazzjoni tal-vettura mertu ta' dawn il-proceduri.[21] Esebixxa ukoll id-dokumentazzjoni relattiva minn fejn jirrizulta li l-vettura giet trasferita fuq id-Direttur tal-Qorti fit-8 ta' Novembru 2012.[22]

[18] A folio 938 u 939 tal-process.
[19] A folio 947 tal-process.
[20] A folio 951 tal-process.
[21] A folio 962 tal-process.
[22] A folio963 tal-process.

Xehed **Emanuel Ciantar** waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2018 fejn ikkonferma li xtara l-vettura de quo minghand is-socjeta' rikorrenti[23]. Jghid li l-vann hargu gdid u t-tifel kellu incident bih H'Attard. Jispjega li l-van xtrah by installments. Isostni li l-van haduh il-pulizija. Jghid li wara ezatt ma jafx x'gara imma tawulu. *Jghid li mar ghalih Ta' Kandja,*[24] sab xi affarijiet neqsin u wara hareg iehor gdid pero' ma kellux restrizzjonijiet fuqu. Jghid li mar bieghu lura lis-socjeta' rikorrenti biex jaqta' d-dejn. Il-van gie trasferit ghal fuq Michael Attard Ltd. Jghid li meta inqata' l-kaz tat-tifel cempillu l-iSpettur Taljana u talbu biex jehodlu l-van u hu spjegalu li kien bieghu lis-socjeta' rikorrenti. ***Jghid li saret kawza kontra tieghu mis-Sur Michael Attard ghax ried il-flus lura tal-van***[25]. Jispjega li anki hu ghamel kawza u ha xi flus u l-Qorti ordnat li jiehu lura l-van pero' hu ma sabux. Dan il-van ma nstab imkien. Qalulu li ma jafux fejn hu.

Kontro – ezaminat jghid li jaqbel li l-van inaghtalu u bieghu. Il-van uzah biex jahdem bih. Jghid li huwa lahaq xtara van iehor sakemm tawulu lura u meta gie bit-tnejn iddecieda li jbiegh il-van de quo lil Michael Attard.[26] Ma jaqbilx li l-van gie innegozjat mill-ewwel meta gie irrilaxxat.

[23] A folio 970 tal-process.
[24] A folio 971 tal-process.
[25] A folio 974 tal-process. Dokumentazzjoni dwar din l-allegat kawza ma hemm imkien fil-process!
[26] A folio 977 tal-process.

Xehed **Stefan Sacco** li jahdem ma' Michael Attard Ltd. nhar is-16 ta' Jannar 2019.[27] Hu jghid li huwa responsabbli mill-kontabilita'. *Jghid li fis-16 ta' Mejju 2011 haduh lura minghand Manuel Ciantar* u hallsu kull ma kellu x'jithallasu haduh kontra d-dejn li kellu dan tal-ahhar. Jghid li kienu bieghulu bid-dejn snin qabel. Jghid li hu kellu dejn fuq karozza ohra ukoll u li l-vann gie stmat hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500). B'hekk il-vann gie re-sale fuqhom. *Barra c-citazzjonijiet li kellha il-vann inbieghet lil certa David Pace ghal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). Fid- 9 ta' Gunju 2011 ghamlulha xi spejjez biex tista' tinstaq u fis-7 ta' Dicembru 2011 inqalbet ghal leasing*.[28] Isostni li wara giet maqbuda mill-Qorti u huma irrimpjazzaw il-vettura b' vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni EBR 893. Kienu tawh Peugeot Partner aktar modern li kellu valur ta' tmint' elef Ewro. Jghid li ma' David Pace baqa'ghaddej bin-negozju ta' sitt elef Ewro (€6,000).

Kontro-ezaminat jghid li l-vettura inqalbet fuq David Pace fid-9 ta' Gunju 2011. Ma jiftakarx jekk il-ftehim sarx bil-miktub.

Rega' xehed **Stefan Sacco** nhar id-19 ta' Gunju 2019 u qal li qed jipprezenta statement of account ghax ftehim ma' David Pace ma kienx sar.[29] Jghid li jkun hemm istanzi fejn ibieghu vetturi minghajr kuntratt. Jispjega li f'dan il-kaz kien hemm kambjali biss. Jaf li kien ftehim verbali bejn Michael Attard u David Pace

[27] A folio 983 tal-process.
[28] A folio 985 tal-process.
[29] A folio 993 tal-process.

pero' ma sarx quddiemu. Qali li ccekkja dwar il-kuntratt ma' Michael Attard u qal li ma kienx hemm wiehed fuq din il-vettura. Jghid li fuq it-tlett vetturi li hemm imnizzla fid-dokument ezebit ma hemm l-ebda kuntratt.

Mistoqsi in kontro-ezami l-ghalas-Sur Pace inghata vettura aktar moderna, huwa jispjega li huma dak il-mument dik kellhom available u tawhielu. Din kienet decizjoni taghhom u mhux ta' Pace. Jghid li huma lil James Marshall hallsuh disat elef Ewro (€ 9,000) ghax ma jkunx wasal ghall-hlas li jkollu pendenti maghhom.

Xehed **Etienne Scicluna** nhar l-4 ta' Marzu 2020 fejn qal li mir-ricerki li ghamel sab protest gudizzjarju prezentat minn Michael Attard fil-25 ta' Frar 2015 kontra d-Direttur Generali tal-Qorti, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali[30].

Xehed **Stefan Sacco** nhar l-4 ta' Marzu 2020 fejn qal li ma kienx jaf kemm kien hemm dejn fuq il-vettura minn Emanuel Ciantar imma jaqbel li kienu stmawha hamest elef u hames mija (€5,500) fl-2006.[31] Jaqbel li wara inbieghet sitt elef Ewro (€6,000) lil David Pace. B'hekk kien hemm profit ta' hames mitt Ewro (€500). It-tiswijiet ma sarux minn Michael Attard Ltd. Jghid li meta l-vettura giet mehudha minn ghand Pace mill-pulizija, huma irrimpjazzawhielu. Ghalihom kienet ovvja li jaghtuh vettura ohra.

[30] A folio 1036 tal-process.
[31] A folio 1041 tal-process.

Jghid li huma tawh vettura aktar recenti ghax dak il-hin ma kellhomx wahda u Pace ried jaghtiha lill-klijenti tieghu. Jghid li probabilment sar tentattiv biex jaghtuh wahda tal-istess sena pero' id-diskussjonijiet ghamilhom Michael Attard.

Xehed **Michael Attard** waqt is-sedutat tal- 11 ta' Ottubru 2022 li jghid li hu l-Managing Director ta' Michael Attard Ltd.[32] Jaqbel li l-mudell Peugeot Partner 2006 kien inbiegh gdid lil Emanuel Ciantar. Jghid li Emanuel Ciantar kien qed ihabbathom biex ihallashom u allura hadu l-vann lura biex jaqtghu d-dejn. Il-vann gie ivvalutat hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500). Gie ivvalutat minnu personalment. Jghid li dan il-van bieghu lil David Pace u ghamlu biss xi kambjali. Il-ftehim kien verbali. Il-prezz mibjugh kien ta' sitt elef Ewro (€6,000). Dwar il-Peugeot Partner tas-sena 2009 jghid li kien ta' certa James Marshall li kellu jaghtihom u l-vettura giet ivvalutata minnu disat elef Ewro (€9,000). Jiccara li l-vann minghand Emanuel Ciantar Emanuel kein f'qaghda hazina u irrangah David Pace u beda jikrih. Jghid li lil Pace ghaddihulu bi ftehim ta' hire purchase. Il-vann kien fuq il-kumpanija tieghu, Pace dawwru ghal fuq il-kumpanija tieghu u wara l-kumpanija regghet dawritu. Jiftakar li meta giet ordni tal-Qorti biex jinhataf hass li kellu jaghtih replacement.[33] Jghid li din id-decizjoni kienet tieghu. Huwa tah wiehed li kellu available u ma kienx Pace li talab ghall-mudell aktar recenti. Jghid li hu agixxa skond ic-cirkustanzi tal-mument.

[32] A folio 1075 tal-process.
[33] A folio 1078 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qabel xejn thoss li ghandha taghmel riassunt tal-kawza. Il-punti kardinali tal-vertenza fl-opinjoni ta' din il-Qorti huma s-segwenti:

Fit-28 ta' April 2010 certa Maxilmilian Ciantar kien qed isuq vettura meta dan kien involut f'incident stradali fejn sahansitra weggghu serjament xi persuni. Il-vettura Peugeot Partner HBD 096 misjuqa minn Maximilian Ciantar kienet registrata ma' Transport Malta fuq Maxkim Ltd., li hija kumpanija ta' missier Maxilimilian Ciantar, ossija Emanuel Ciantar.

Jidher li l-kumpanija rikorrenti fil-21 ta' Awwissu 2006, jigifieri snin qabel, kienet ghamlet ftehim ma' Emanuel Ciantar f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Maxkim Limited. Dan il-bejgh sar b' *hire purchase agreement*.

Waqt il-proceduri kriminali **Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Maximilian Ciantar** sar rikors minn Emanuel Ciantar u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-Onorevoli Magistrat, illum Onorevoli Imhallef, Dottor Doreen Clarke fis-17 ta' Settembru 2010 laqghet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura wara li ma kienx hemm opposizzjoni mill-prosekuzzjoni.[34] *Ma jirrizultax mill-atti li din il-Qorti ghandha quddiema li din il-vettura giet ipprezentata*

[34] A folio 406, 407 u 408 tal-process (Vol. III).

*la formalment u lanqas fizikament quddiem dawn il-Qrati ghalkemm l-ispettur Elton Taliana qal mod differenti meta xehed f'dawn il-proceduri.*

Illi din il-vettura giet konsenjata lis-socjeta' rikorrenti mill-istess Emanuel Ciantar ftit xhur wara li din giet irrilaxxatha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghax dan kellu xi pendenzi finanzjarji maghha.

Is-socjeta' rikorrenti bieghet l-istess vettura lil certa David Pace u kien minghand dan li l-pulizija elevawha meta giet mitluba l-assistenza taghhom mill-Qrati.[35]

Il-Qorti tal-Magsitrati (Malta) b'sentenza tas- 27 ta' Lulju 2011 sabet lill Maximilian Ciantar hati u konsegwentement ikkonfiskat il-vettura favur il-Gvern ta' Malta.[36]

Is-Sur Maximilian Ciantar appella mis-sentenza, pero' l-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano fl-24 ta' Ottubru 2011 bazikament ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati inkluz il-konfiska tal-vettura favur il-Gvern ta' Malta.[37]

[35] Fil-frattemp inbidel in-numru ta' registrazzjoni taghha ghall-ewwel darba.
[36] A folio 775 sa 794 tal-process.
[37] A folio 852 sa 853 tal-process.

Is-socjeta' rikorrenti ghamlet rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ghar-ragunijiet hemm infraskritti talbet ir-rilaxx tal-imsemmija vettura li sadanittat kienet ghaddiet mis-socjeta rikorrenti lill-certa David Pace tramite hire purchase agreement.[38] Ghal dan ir-rikors l-Avukat Generali oppona[39]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Lawrence Quintano cahdet it-talba fit-2 ta' Mejju 2012.

Illi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datat 11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar pro et noe vs Avukat Genrali** (Rikors Nru 79/12 JA)[40] gie deciz illi t-tehid forzat tal-vettura *de quo* sar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. In vista ta' din id-decizjoni Emanuel Ciantar rega' ghamel rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab ir-rilaxx tal-imsemmija vettura.[41] Din id-darba l-Avukat Generali ma' opponitx.[42] Il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Michael Mallia ordnat ir-rilaxx tal-vettura bil-kundizzjoni imsemmija.[43]

---

[38] A folio 865 tal-process. Il-vettura issa kellha numru ta' rgistrazzjoni HQZ04.

[39] A folio 879 tal-process.

[40] Jidher li din il-kawza infethet fl-2012 meta il-vettura diga' kienet allura giet rilaxxata fuq ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-allura Magistrat Doreen Clarke u kienet fil-pussess effettiv ta' Emanuel Ciantar.

[41] A folio 905 tal-process.

[42] A folio 907 tal-process.

[43] A folio 907 tal-process. Il-Qorti qed tifhem li dan ir-rilaxx kellu jsir in lineja mat-talba, ossija ' *…u li jinghata certifikat illi tali vettura kienet taht konfiska tal-Qrati u dan minhabba l-hlasijiet tal-licenzja li ma sarux li altrimenti jkun jirrispondi ghalihom huwa*.' A folio 905. Issa dan meta il-vettura kif inghada u hu ben dokumentat kienet ilha ghand Emanuel Cinatar sahansitra wara ftit xuhur li giet elevata mill-pulizija kif xehed ben tajjeb l-ispettur Elton Taliana u kif del resto hemm dokumentat fl-atti.

Jidher li din il-vettura inzammet b'mod temporanju ghand is-socjeta' intimata sakemm eventwalment ittiehdet mill-Qrati u infatti anki hawn inbidlilha in-numru ta' registrazzjoni ghat-tieni darba.

Is-socjeta' rikorrenti fis- 16 ta' Frar 2016 fethet dawn il-proceduri fejn hija qed titlob rizarciment ghad-danni allegatament maghmula mill-intimati in vista tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet **Emanuel Cinatar pro et noe vs Avukat Generali**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel u qabel kollox ghandha tanalizza jekk is-sentenza **Emanuel Ciantar f'ismu propju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754) vs Avukat Generali** Rikors Nru. 79/12 JA deciza fil-11 nta' Awwissu 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri taghmilx stat ta' fatt bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimati. Dan huwa il-pern principali ta' din il-vertenza ghax jekk din il-holqa, li a bazi taghha hija msejsa it-talba ta' danni tfalli allura din il-Qorti ma ghandix ghalfejn tinoltra oltre f'analizi tal-kwistjoni aktar approfondita.

Din il-Qorti fliet sewwa s-sentenza u fil-parti disposittiva taghha in referenza ghat-talba ta' danni li hawn quddiemHa tikkwota testwalment id-decide relevanti tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li jghid:

***(d) tordna r-rilaxx tal-vetturi Peugeot Partner numru HBD-096 u dik Toyota Vitz numru KIM – 324 <u>registrata favur is-sidien taghhom.</u>***[44]

Hawn il-Qorti qed tifhem f'idejn Emanuel Ciantar u lill-kumpanija tieghu li fil-kawza hu kien qed jipprezentaha. Dawn kienu l-unici atturi fil-kawza. Huwa car daqs il-kristall li s-socjeta' rikorrenti ma kienet imkien parti fil-kawza u lanqas biss talbet li tidhol fiha. Kif inhu ben maghruf l-ezitu ta' kawza taghmel stat ta' fatt u torbot BISS lill-partijiet[45].

Fil-ktieb ***Massimjarji tal-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras- Procedura Civili – L-Ewwel Volum*** miktub mill-Onorevoli Imhallef Grazio Mercieca taht it-titolu *Effetti Fuq Terzi* (referibilment ghas-sentenza) insibu s-segwenti:

'***Hu mill-Artikolu 237 tal-Kodici ta' Procedura provdut illi 'is-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awtur jew rapprezentant legittimu tieghu,***

[44] Sottolinejar ta' din il-Qorti. A folio 1031 tal-process.
[45] Ara it-tlett rekwiziti tal-gudikat.

***ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza'. Hu mfisser fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Spiteri proprio et nomine vs Edoardo Busuttil et Prim' Awla, Qorti Civili, 23.05.1944 illi ' biex tkun gudikat, is-sentenza trid tkun moghtija f'kawza fejn kienu prezenti l-partijiet kollha li jidhru fil-kawza sussegwenti, jigifieri li huwa mehtieg l-element tal-eadem personae, apparti l-elementi l-ohra li huma mehtiega.' Tissokta tafferma s-sentenza l-ohra tal-istess Qorti tat-22.05.1958 in re: Concetta Farrugia vs Giorgio Gauci et, fuq it-taghlim tal-Baudry (Obbligazzioni, Vol. IV para. 2686) illi 'gli effetti della sentenza sono limitati alle parte in causa, come gli effetti della convenzioni si limitano alle parti contraenti- res inter alios acta vel judicata allis nec nocere nec prodesse potest.***'[46]

Fis-sentenza **Alfred u Alice konjugi Brown vs Androxa Furniture Limited** (App. Nru. 1866/2004/1) deciza fl-14 ta' Dicembru 2006 mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras gie riaffermat is-segwenti:

***Ghandu qabel xejn jinghad bi preliminari illi kull sentenza li ghaddiet in gudikat, pronuncjata bejn l-istess partijiet, ghalkemm fi process iehor, tikkostitwixxi gudikat. Jinsab dispost pero` illi "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza." (Artikolu 237 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili). Minn dan jitnissel illi l-gudikat jaghmel stat bejn il-partijiet u s-successuri taghhom***

[46] Care Services Limited v Muscat Mario- 13.11.2009. Pagna 716 tal-ktieb.

***imma mhux fir-rigward ta' min ma kienx parti fih, la bhala attur jew bhala konvenut;***[47]

Dunque, bis-sentenza is-socjeta' rikorrenti ma nstabx li inkisrulha xi drittijiet fundamentali u lanqas kien hemm xi ordni mill-Qorti Kostituzzjonali li l-vettura *de quo* tigi rilaxxata favur is-socjeta' Michael Attard Ltd.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma hija tal-ebda beneficcju ghas-socjeta' rikorrenti u b'hekk ma setetx tistrieh fuqha a favur taghha biex tirriklama d-danni minnha allegatament sofferti.**

**Ikkunsidrat:**

Stabbilit li s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ma hija ta' l-ebda beneficcju ghas-socjeta' rikorrenti, il-Qorti issa sejra tezamina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali kif ukoll id-Direttur Generali (Qrati) ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

[47] Pagna 4.

Bazikament, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali isostnu li is-sentejn ta' preskrizzjoni tal-azzjoni li presumibilment setghet tiehu is-socjeta' rikorrenti ladarba hija kellha tirreklama xi danni huwa minn meta kien hemm ordni ta' konfiska definittiva mill-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali ossija 24 t'Ottubru 2011 u mhux minn meta kien hemm is-sentenza ta' rilaxx mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awwissu 2014.

Issa kif jidher car mill-atti jidher li is-socjeta' rikorrenti kienet taf bil-proceduri kontra Maximilian Ciantar tant li rapprezentant taghha xehed f'dawk il-proceduri. Barra minn hekk johrog ukoll mill-atti li l-iSpettur Elton Taliana waqt il-kors tal-investigazzjoni minnu maghmulha kien talabhom xi informazzjoni dwar vetturi Pegeot Partner. Is-socjeta' rikorrenti f' dawk il-proceduri qatt ma hassew li kellhom jintervjenu kif gustament itennu l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali ai termini tal- artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' rikorrenti baqghet gallarija u hasset biss li kellha tintervjeni meta il-kawza giet *res judicata* quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' rikors, xhur wara, fejn kif diga' inghad dan ir-rikors gie michud[48].

Il-Kodici Kriminali kien jaghtiha is-setgha li hija taghmel it-talba ghar-rilaxx tal-vettura, xi haga li hija naqset li taghmel. Ladarba is-sentenza tal-Qorti Kostituzjonali kif diga' inghad ma taghmilx stat ta' fatt fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti allura it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn meta is-sentenza saret *res*

[48] Is-sentenza inghatat fl- 24 ta' Ottubru 2011 filwaqt li ir-rikors gie intavolat fil- 25 ta' April 2012, ossija 6 xhur wara!.

*judicata, ossija mill-24 ta' Ottubru 2011, izda l-azzjoni prezenti giet intavolata biss fis- 16 ta' Frar 2016.*

Ma ngabet ebda prova li bejn l-24 ta' Ottubru 2011 u s-16 ta' Frar 2016 is-socjeta rikorrenti kisret dan il-perjodu ta' zmien b'xi ittra ufficcjali jew b'xi procedura ohra.

In oltre fil-waqt illi l-proceduri kriminali jissospendu l-preskrizzjoni u z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data tar-res judikata fil-proceduri kriminali mhux l-istess japplika ghal res judicata fi proceduri kostituzzjonali.

**Dunque, l-Qorti qeghda tilqa' din l-eccezzjoni u tiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta' rikorrenti hija wkoll preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis illi ladarba l-kawza tfalli proceduralment u hija proceduralment insostenibbli, m'hemmx il-htiega illi l-Qorti tezamina l-mertu ta' l-istess.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talba tas-socjeta’ rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.,M.Jur**

**Iamin Guarracino**

**Deputat Registratur.**